newsbook
.com.mt

SPORT

# In-nursery ta' Sliema Wanderers lura minn skambju fl-Irlanda

*Stephen Azzopardi - 24/09/14 04:40 PM*



Grupp ta' tmintax–il żagħżugħ min-nursery tal-futbol ta' Sliema Wanderers irritornaw minn ġimgħa ta' skambju fl-Irlanda.

Dan il-proġett ta' skambju kien ko-finanzjat mil-programm tal-Unjoni Ewropea Youth In Action (YiA).

Dan il-proġett hu bbażat fuq il-kunċett li l-isport huwa xi ħaġa aktar minn sempliċiment attività fiżika u b'hekk jitgħallmu abiltajiet ta' valur importanti għal-iżvilupp personali tagħhom.

Matul iż-żjara tagħhom iż-żgħażagħ kellhom programm intensiv ta' attivitajiet kemm sportivi u oħrajn b'laqtiet kulturali u edukattivi li lkoll jgħinu sabiex iż-żgħażagħ jiżviluppaw u jibqghu b'saħħithom tul ħajjithom.

Iż-żgħażagħ kienu ospitati minn Home Farm FC, waħda mil-aqwa akkademji f'Dublin fir-Repubblika Irlandiża u li minnha kienet tifforma parti l-kowċ tan-nursery ta' Sliema Karen Heneghan.

Fil-preżenza ta' Chantal Sciberras, Chargé d'Affairs fl-Ambaxxata Maltija f'Dublin, iż-żgħażagħ kienu protagonisti f'Lejla Maltija.

Iż-żgħażagħ kellhom ukoll l-opportunità li jipprattikaw xi sports Irlandiż fosthom il-Gaelic Football u l-hurling.

Wara żjara interattiva fl-iStadium Croke Park, il-parteċipanti ltaqgħu mal-eks-Prim Ministru Irlandiż is-Sur Bertie Ahern.

Il-grupp kien ukoll milqugħ fil-Parlament Irlandiż, d-Dáil Éirenn.

It-tim Slimiż taħt il-gwida tal-kowċ Lawrence Formosa lagħab żewġ partiti ta' ħbiberija fuq ħaxix naturali kontra l-Akkademja ta' Home Farm.

Il-media Irlandiża tat prominenza lil din iż-żjara permezz ta' artiklu ippubblikat fuq is-suppliment *Striker* tal-gazzetta Irlandiża *Herald*.


**0 Comments** Newsbook Login

Sort by Best Share Favorite

Start the discussion…

Be the first to comment.

Like

Subscribe Add Disqus to your site Privacy